# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

# Decizjoni Numru 2071

**Kaz Numru 2731 DeG** | **Fil-kwistjoni tax-xoghol**

**bejn**

**Dennis Waites**

**u**

**Attrans Limited (c8520)**

**dwar tkeccija mill-impieg allegata li hi ingusta**

**Chairman: Is-Sur Antoine DeGiovanni**

**Illum il-Hamis 12 ta' Mejju 2011**

## 1. Riferenza

Dan il-kaz gie riferit lit-Tribunal Industrijali permezz ta' nota pprezentata fir-Registru tal-Qorti Superjuri nhar il-11 ta' Novembru 2009.

## 2. Rapprezentanza

2.1 Dennis Waites, li minn issa 'l quddiem ser jissejjah ir-rikorrent, kien meghjun mill-Avukati Antoine Naudi u Victor G. Axiak.

2.2 Il-kumpanija Attrans Limited, li minn issa 'l quddiem ser tissejjah il-kumpanija intimata, kienet irrapprezentata minn Philip Attard li fil-bidu meghjun mill-Avukata Noella Azzopardi Grima u aktar tard mill-Avukati Larry Gauci u Hugh Peralta.

## 3. Fatti fil-qosor tal-kaz

Ir-rikorrent beda fl-impieg mal-kumpanija intimata nhar it-18.09.06 fil-kariga ta' *Long Distance Driver*. F'Settembru 2008, b'allegat rizultat tan-negligenza tieghu, kien ghamel hsara lil terzi, u saq minn fuq is-sit ta' l-incident minghajr ma gharraf lil hadd, bil-konsegwenza li l-kumpanija intimata kellha thallas hi biex taghmel tajjeb ghall-hsara li kien ghamel. Ghall-habta ta' Gunju 2008 ir-rikorrent talab u nghata *leave* annwali biex

isiefer l-Ingilterra ghat-tieg ta' bintu u kien mistenni jidhol lura ghax-xoghol fl-Ingilterra stess biex jibda vjagg nhar l-24.06.09. Minhabba nuqqas ta' komunika f'waqtha u interpretazzjoni korretta ta' messaggi elettronici li saru bejnu u bejn rapprezentanti tal-kumpanija intimata, naqas li jghabbi kunsinna jew kunsinni li wasslu biex intilef ix-xoghol ta' klijent. Fil-frattemp inghata xoghol iehor fl-Italja. Ir-rikorrent wasal Malta kmieni f'Lulju 2009 u nhar is-16.07.09 intemmlu l-impieg allegatament minghajr spjega u raguni sufficjenti skond il-Ligi.

## 4. Lista tax-xhieda

Philip Attard, Dennis Briffa, Jennifer Ebejer u Dennis Waites kienu xhieda komuni.

## 5. Lista ta' dokumenti

5.1 Ir-rikorrent esebixxa:

5.1.1 Id-dikjarazzjoni tal-kaz datata 12.02.10 konsistenti fi tliet pagni.

5.1.2 Kopji ta' zewg rikonciljazzjonijiet ta' krediti u debiti rigwardanti ix-xoghol tar-rikorrent ghaz-zminijiet bejn is-07.03.09 u t-02.05.9 u bejn it-03.05.09 u t-13.07.09 immarkati, Dok.DW1.

5.1.3 Kopja ta' *payslips* u dokumenti finanzjarji ohra minghand kumpaniji diversi ghaz-zmien bejn l-01.10.09 u l-01.10.10 konsistenti fi 38 pagna immarkati Dok. DW2.

5.1.4 Kopja tat-trattazzjoni tal-kaz konsistenti fi tmintax -il pagna.

5.2 Il-kumpanija intimata esebiet:

5.2.1 Id-dikjarazzjoni tal-kaz datata 11.02.10 konsistenti fi tmien pagni li jinkludu Dok. A u Dok. B.

5.2.2 Kopja ta' manifest datat 25.06.09 konsistenti f'zewg pagni immarkat, Dok.PA 1 konsistenti f'zewg pagni.

5.2.3 Kopja tat-trattazzjoni tal-kaz konsistenti f'seba' pagni.

## 6. Gabra fil-qosor tax-xhieda

*6.1* **Philip Attard**, impjegat fil-kariga ta' Direttur Manigerjali mal-kumpanija intimata, stqarr li r-rikorrent beda fl-impieg ma' l-istess kumpanija fl-

2006, fil-kariga ta’ xufier. Fl-istess sena kien irrizenja u siefer l-Amerka jfittex impieg iehor. Wara xi zmien rega’ lura Malta u kien impjegat mill-gdid mill-kumpanija intimata fl-istess kariga li kellu qabel. F’Settembru 2008 kellu incident fejn waqqa’ hajt gholi sitt filati u ghamel hsara f’rixtellu tal-metall ta’ fabbrika lokali, b’mod li nghalaq l-access. Ir-rikorrent telaq minn fuq il-lant tax-xoghol minghajr ma gharraf lis-sid tal-fabbrika li taghha l-kumpanija intimata kellha l-klijentela, u wisq anqas lid-Direttur Manigerjali tal-kumpanija intimata. L-ilment tal-klijent wassal biex il-kumpanija intimata kellha thallas spejjez li lahhqu €1,200 biex issewwiet il-hsara. Matul iz-zmien li r-rikorrent ghamel jahdem f’l-Ewropa, kien spiss jikkummenta ma’ shabu u max-xhud li t-taghmir tal-kumpanija intimata kien fi stat hazin u li ma kienx ser ikompli jissaporti fit-tul. Darba fost l-ohrajn kien ghamel kuntatt bit-telefon max-xhud rigward id-diffikulta’ li kellu meta kien barra minn Malta biex jaghlaq il-bibien tal-vettura li kien qieghed isuq. Wara diskursata bit-telefon irrizulta li dan gara ghaliex ma kienx jaf kif jinghalqu l-bibien u mhux ghaliex kellhom xi hsara. F’nofs is-sena 2009 talab u nghata *leave* annwali biex isiefer l-Ingilterra ghaz-zwieg ta’ bintu. F’din l-okkazjoni l-kumpanija intimata offrietlu jitla’ b’vettura taghha biex hu jiffranka l-hlas tal-passagg bl-ajruplan u l-kumpanija intimata tippostja l-vettura fl-Ingilterra ghal meta jkollha bzonnha. Qabel ma r-rikorrent telaq l-Ingilterra kien sar ftehim bejnu u Jennifer Debono biex ikun dispost ghax-xoghol nhar it-Tnejn 22.06.09. F’dan il-jum hu tkellem ma’ Jennifer Debono u qablu li x-xoghol li kellu jingabar mill-Ingilterra kien l-ahjar li jingabar mir-rikorrent, u dak in-nhar Jennifer Debono ghamlet jum shih tipprova ccempillu biex tghidlu x’kien il-programm tax-xoghol tieghu, izda ma kellha ebda twegiba u fl-ahhar tal-jum qabel ma telqet mill-Ufficcju fis-6.15pm. baghtet messagg. L-ghada nhar it-23.06.09 ir-rikorrent cempel tard wara nofs in-nhar, meta kien mgharraf biex jibda l-programm minn Oldham fejn kellu l-vettura ipparkjata matul iz-zmien tal-*leave* annwali tieghu. Meta l-ghada fil-ghodu nhar l-24.06.09 Jennifer Debono osservat li t-trakk tar-rikorrent ma kienx miexi cemplitlu izda ma wegibx. Wara siegha regghet ippruvat u wiegbet mara. Din qaltilha li r-rikorrent kien qieghed jinhasel u ma setax ikellimha. Meta r-rikorrent cempel qal lil Jennifer Debono li ma setax imur ghall-vettura malajr ghaliex kien hemm il-boghod. Il-konsegwenza ta’ dan kollu kienet li l-programm imfassal kellu jinbidel. Ir-rikorrent ghabba biss madwar 20m$^3$ minn Londra. Meta aktar tard ir-rikorrent wasal Oldham, ix-xhud kellmu u qallu bid-diffikultajiet kollha li rrizultaw min-nuqqas ta’ komunika f’waqtha u li ntilef ix-xoghol, u hallieh ikompli jahdem xoghol iehor sakemm jasal lura Malta bit-trakk minhabba l-ispejjez u wkoll biex ikunu evitati l-possibbiltajiet ta’ rejazzjonijiet negattivi. Matul dawn il-granet ta’ tahwid ir-rikorrent kien qallu li lest iwarrab, izda hu ma riedx jghidlu biex iwarrab qabel ma jasal lura Malta, u jkun accertat li l-obbligi tal-kumpanija versus il-klijenti taghha skond konvenzjonijiet internazzjonali kienu segwiti u li l-assi tal-

kumpanija kienu mharsa, izda kien qallu li jkellmu aktar tard. Ix-xhud ikkonferma li fi zmien meta sehh dan l-incident il-kumpanija intimata kienet temmet l-impieg ta' xufiera ohra minhabba *redundancy*. Ix-xhud spjega li fix-xoghol taghhom l-kejl tad-distanzi bejn post u iehor isir b'riferenza ghall-mapep jew il-GPS. Zied jghid li statistikament il-kumpanija ghandha *loading factor* ta' bejn 85% u 90% u skond il-manifest li esebixxa, fil-jum ta' l-incident ir-rikorrent nizel mill-Ingilterra b'20m$^3$ fi trailer li jesa' 100m$^3$ u dan kollu minhabba n-nuqqas tieghu li jirrejagixxi puntwalment ghat-telefonati u messaggi li ntbaghtulu, b'mod partikulari ghall-messagg li kien jghid *"change of plans".*

6.2 **Dennis Briffa,** impjegat mal-kumpanija intimata fil-kariga ta' *Accountant,* stqarr li hu kien jaf li r-rikorrent kien impjegat mal-kumpanija intimata fil-kariga ta' xufier, u jghid li sa fejn jaf hu ma kienx hemm xi lmenti ohra dwar xoghlu u mgibtu ghajr dak li gara f'Gunju 2009. Ix-xhud ikkonferma li kien hemm drabi meta r-rikorrent kien inghata hlasijiet addizzjonali bhala incentiva. F'jum f'Gunju 2009 inghata ittra f'*envelope* miftuh minn Philip Attard b'ordni biex jaghtiha lir-rikorrent. Meta din l-istess ittra ta lir-rikorrent dan qrha u r-rikorrent qallu li kien intemmlu l-impieg.

6.3 **Jennifer Debono**, impjegata fil-kariga ta' *Operations Manager* mal-kumpanija intima, stqarret li matul l-ahhar hames snin hi kienet tfassal il-programmi tax-xoghol u taghti taghrif u tqassam ix-xoghol lil madwar erbghin xufier, biex il-kunsinni tal-klijenti jingabru u jitqassmu b'mod effikaci. Ix-xhud ikkonfermat li ghalkemm ma setghetx tghid mill-memorja d-distanzi bejn postijiet fil-pajjizi differenti fejn il-kumpanija intimata kienet topera, hi kapaci tikkalkula dawn id-distanzi meta tkun qieghda tfassal il-programmi tax-xoghol bl-ghajnuna ta' mapep tal-pajjizi. Fil-kaz in kwistjoni r-rikorrent kien l-Ingilterra bil-*leave,* u qabel telaq hi kienet ftehmet mieghu biex ikun disponibbli ghax-xoghol nhar l-Erbgha 24.06.09, u li minhabba li l-programmi ghax-xoghol mill-Ingilterra jsiru nhar ta' Erbgha u/jew il-Hamis, kellhom jitkellmu dwar il-programm xi jum jew jumejn qabel. It-Tnejn 22.06.09 kellha diffikulta' biex taghmel kuntatt mieghu kemm bit-telefon tal-kumpanija intimata fdat lilu, kif ukoll b'dak tieghu personali, ghaliex ghalkemm it-telefons kienu jinstemghu jcemplu ma kinux jintwiegbu, u l-istess jinghad ghall-messaggi. Matul dan l-istess jum ippruvat hafna drabi taghmel kuntatt mieghu izda ma wegibx. Ir-rikorrent kien mgharraf b'messagg bil-programm tax-xoghol, li kien jitlob minnu li jkun hdejn it-trakk tieghu f'Oldham nhar l-Erbgha fil-ghodu kmieni biex jispezzjona t-trakk u jassigura ruhu li setghet issir it-taghbija, u biex icempel, izda ma cempilx fl-istess jum. L-Erbgha fil-ghodu nhar l-24.06.09 meta rat li t-trakk tar-rikorrent ma kienx miexi u ma bediex iwiegeb it-telefonati taghha, kienet kostretta taghmel tibdil fil-program bil-konsegwenza li thalla xi xoghol l-art. Wara li sar kuntatt bit-telefon mar-rikorrent kien

ordnat isegwi programm mibdul biex ir-rikorrent jigbor dak li seta' mill-Ingilterra u jmur l-Italja fuq programm gdid. Ix-xhud temmet tghid li fiz-zmien meta ntemm l-impieg tar-rikorrent kien intemm l-impieg ta' xufiera ohra minhabba nuqqas ta' xoghol.

6.4 **John Farrugia,** impjegat fil-kariga ta' xufier mal-kumpanija intimata stqarr permezz ta' affidavit, li nhar il-Gimgha 26.06.09 Jennifer Ebejer gharrfitu li kellu jasal trakk mill-Ingilterra misjuq minn Dennis Waites bi ftit xoghol u ordnatlu jhalli 20m$^3$ vojt fit-trakk tieghu li kien qieghed jitghabba f'Milan, biex isir trasbord bejn it-trakk misjuq minn Dennis Waites u dak tieghu. hu ghamel kif kien ordnat, u ghal dan ix-xoghol ta' trasbord hallas €500 flus kontanti.

6.5 **Dennis Waites**, ir-rikorrent, stqarr li f'Gunju 2009 kien talab *leave* biex imur l-Ingilterra ghat-tieg ta' bintu ghal tul ta' zmien mhux definit, u d-data ezatta tat-temma tal-*leave* kella tkun miftiehma wara t-tieg. Nhar it-Tlieta 23.06.09 fil-ghodu rcieva messagg biex jibda l-programm minn Manchester, izda dan ma kienx car bizzejjed. Fl-istess jum aktar tard fil-ghodu cempel u kkonferma ma' Jennifer Debono x'kien il-programm tieghu tax-xoghol u kollox kien ippjanat li jmur Oldham l-Erbgha fil-ghodu biex jiehu t-trakk, jitla' Manchester u jkompli l-programm minn hemm, izda fl-istess jum wara nofs in-nhar ircieva messagg li kien hemm bidla fil-programm. Ir-rikorrent qal li b'dan il-messagg fehem li l-programm kien thassar u konsegwentement baqa' jistenna sakemm jerga' jircievi messagg jew telefonata ohra. Aktar tard matul l-istess jum kien ircieva messagg tard fil-ghaxija u ma qrahx ghaliex kien qieghed isuq. Wara xi hin qara l-messagg li kien jitolbu jcempel lil Jennifer Debono. Meta wasal fejn kellu jasal cemplitlu Jennifer Debono u qaltlu biex imur jghabbi minn Reddich. Ix-xhud zied jghid li aktar tard kien ordnat biex imur Norwich qabel Reddich. F'dan il-hin kien tard wisq biex jirkeb il-ferrovija erba' darbiet u jiehu taxi biex jasal Oldham fejn kien it-trakk, u stenna sa l-ghada fil-ghodu. Nhar l-24.06.09 mar Oldham fejn ghal xi s-1.30pm wasal fejn kien ipparkjat it-trakk. Ghabba minn Norwich u Reddich u kif kien ordnat mar Genova b'taghbija ta' 66m$^3$ biex jasal hemm qabel is-7.30am. L-ordni li rcieva kienet tghid ukoll li kellu jaghmel minn kollox, anki jekk jikser xi regolament tat-traffiku, basta jilhaq il-vapur. Ghamel gimaghtejn xoghol fl-Italja u meta wasal Malta u pprova jkellem lil Philip Attard dwar dak li gara fl-Ingilterra, dan qallu biex jitkellem ma' Jennifer Debono. Ir-rikorrent ikkonferma li qatt ma kien mitlub ihallas ghal xi hsarat li graw incidentalment fuq il-lant tax-xoghol. Ikkonferma wkoll li matul il-kors normali tax-xoghol hu dejjem kien izomm kuntatt ma' l-Ufficcju Ewlieni dwar dak kollu li jista' jaffettwa l-programm tax-xoghol. Nhar is-16.07.09 meta thallas tax-xoghol li kien ghamel fl-Ingilterra u l-Italja, Dennis Briffa tah ittra li kien fiha avviz tat-temma ta' l-impieg, izda ma kien hemm hadd li seta' jitkellem mieghu dwarha.

## 7. Gabra fil-qosor tat-trattazzjonijiet

7.1 Fit-trattazzjoni tal-kaz l-Avukati Larry Gauci u Hugh Peralta ghall-kumpanija intimata stqarru li:

7.1.1 Ir-rikorrent la cahad l-incident li sehh f'Settembru 2010, la cahad is-sehem tieghu fih, u lanqas ma cahad in-nuqqas li jgharraf lit-terzi u lill-kumpanija intimata b'dak li kien sehh.

7.1.2 Ix-xhieda tar-rikorrent fejn qal li ma kienx hemm ftehim bejnu u l-kumpanija intimata dwar id-data meta kellu jirritorna ghax-xoghol wara l-*leave* annwali mhix kredibbli.

7.1.3 Matul il-jum tat-23.06.09 ir-rikorrent naqas li jwiegeb ghad-diversi sejhiet u messaggi elettronici bit-telefon li ntbaghtulu, u kuntrarju ghal dak li kien obbligat jaghmel, fil-ghaxija rega' ghamel l-istess meta deherlu li kien ser ikun tard wisq biex l-ewwel haga kmieni l-ghada fil-ghodu jkun fil-post fejn kien ipparkjat it-trakk.

7.1.4 Kuntrarju ghal dak li xehed ir-rikorrent meta qal li wasal Malta b'66% tat-trakk mimli, it-taghbija li nizel biha mill-Ingilterra flimkien mat-taghbija li gabar mill-Italja kienu biss ta' 20% tal-kapacita' li jesa' t-trakk.

7.1.5 Il-kumpanija intimata ddecidiet li tkompli timpjega lir-rikorrent sakemm jasal Malta biex tissodisfa l-obbligi taghha skond konvenzjonijiet internazzjonali rigwardanti l-garr ta' merkanzija, biex tevita spejjez zejda li jirrizultaw minn tragitti ta' trakkijiet b'taghbija hafna anqas minn dik li jesghu, u wkoll biex tevita l-possibbilta' ta' rejazzjoni negattiva mill-impjegat versus it-taghmir taghha u l-kunsinni tal-klijenti.

7.1.6 Wara t-temma ta' l-impieg, ir-rikorrent dam biss xahrejn minghajr impieg, u fil-kaz li t-Tribunal Industrijali jiddeciedi favur it-talba tar-rikorrent ghandu jillimita l-kumpens fid-dawl ta' dan il-fatt.

Fid-dawl ta' dan kollu t-Tribunal Industrijali ghandu jiddikjara li t-temma ta' l-impieg tar-rikorent kienet gusta u ekwa u ghandu jichad it-talba tar-rikorrent.

7.2 Fit-trattazzjoni tal-kaz l-Avukati Victor G. Axaik u Antoine Naudi f'isem ir-rikorrent stqarru li:

7.2.1 Minkejja l-allegat nuqqas li sehh f'Settembru 2008, kif jidher f'Dok. A mehmuz ma' l-istqarrija tal-kaz tal-kumpanija intimata, u wkoll fix-xhieda ta' Philip Attard rigwardanti kummenti ripetittivi li r-rikorrenti ghamel ma' kollegi tieghu dwar l-istat hazin tat-taghmir tal-kumpanija intimata matul l-impieg tieghu, il-kumpanija intimata qatt ma widdbitu formalment dwar l-istess nuqqasijiet.

7.2.2 Il-grajja ta' Gunju 2009, meta falla li jitghabba xoghol minghand klijent u t-telf ta' klijentela, kienet rizultat ta' nuqqas ta' ftehim bikri rigwardanti l-jum, il-hin u l-post li r-rikorrent kellu jirritorna lura ghax-xoghol wara l-*leave* annwali, nuqqas ta' ordnijiet cari, nuqqas ta' komunikazzjoni f'waqtha u wkoll bdil tardiv ta' ordnijiet min naha tal-kumpanija intimata.

7.2.3 Fiz-zmien meta ntemm l-impieg tar-rikorrent, il-kumpanija intimata temmet l-impieg ta' xufiera ohra minhabba nuqqas ta' xoghol. Il-probabbilta' hi li l-kumpanija intimata stenniet lir-rikorrent jirritorna minn barra l-pajjiz, u ghamlet l-istess mieghu ghall-istess raguni u mhux minhabba dixxiplina.

7.2.4 Anki jekk ghall-grazzja ta' l-argument ir-rikorrent kien b'xi mod naqas fl-imghoddi u wkoll kellu xi sehem f'dak li gara f'Gunju 2009, it-temma ta' l-impieg hi sproporzjonata meta mqabbla ma' l-allegati offizi.

Fid-dawl ta' dan kollu t-Tribunal Industrijali ghandu jiddikjara li t-temma ta' l-impieg tar-rikorrent ma kinitx gusta u ghandu jaghti lir-rikorrent kumpens xieraq.

## 8. Kunsiderazzjonijiet tat-Tribunal Industrijali

8.1 Jirrizulta mix-xhieda u mid-dokumenti li l-kumpanija intimata ma ttrattatx b'serjeta' n-nuqqasijiet tar-rikorrent li sehhew qabel it-22.06.09 ghaliex ma harget ebda twiddib miktub mahsub biex jaghmel lir-rikorrent konxju li kien qieghed jipperikola t-tkomplija ta' l-impieg tieghu.

8.2 Skartata x-xhieda konflingenti tar-rikorrent u Jennifer Debono dwar jekk kienx hemm ftehim dwar meta kellu jintemm il-*leave* tar-rikorrent, jirrizulta li nhar it-Tlieta 23.06.09 fil-ghodu r-rikorrent kien mgharraf

permezz ta' messagg, li dwaru hu kien cempel lil Jennifer Debono, biex jiccara xi dubji li kellu dwar il-programm ghall-ghada biex jitlaq kmieni minn Oldham u jibda jghabbi minn Manchester. F'jum u hin mhux indikati kien ircieva messagg li kien jghid "change of plans" li r-rikorrent spjega li seta' jfisser affarijiet differenti, izda li bih hu fehem li l-programm kien thassar.

8.3 Wara nofs in-nhar ta' l-istess jum, waqt li kien qieghed isuq iddecieda li ma jiqafx biex jaqra messagg li kien wasallu. Meta wasal fejn kellu jasal cemplitlu Jennifer Debono u qaltlu biex jghabbi minn Norwich qabel ma jghabbi minn Reddich. Il-messagg li rcieva aktar kmieni u ma wegibx kien jghidlu biex icempel lil Jennifer Debono. Minkejja li r-rikorrent, konxju min-natura tax-xoghol tieghu, stqarr li hu dejjem kien izomm l-Ufficcju Ewlieni tal-kumpanija mgharraf b'dak kollu li seta' jaffettwa l-programm tax-xoghol, u wkoll li kien jaf li minn fejn kien biex imur Oldham ghat-trakk l-ghada fil-ghodu ma kienx ser jasal qabel kmieni wara nofs in-nhar, f'dan il-kaz ghal xi raguni mhux maghrufa ma qalilha xejn minn dan lil Jennifer Debono waqt l-ahhar konverzazzjoni li kellu maghha fuq it-telefon tard it-Tlieta 23.06.09. Dan ifisser li nhar it-Tlieta fil-ghaxija u kmieni l-Erbgha fil-ghodu, l-Ufficcju Ewlieni kien sajjem dwar il-problema li r-rikorrent kien ser jasal tard hafna Oldham fejn kien ipparkjat it-trakk.

8.4 Il-mizuri li hadet il-kumpanija intimata meta halliet lir-rikorrent jahdem sakemm il-programm tax-xoghol iwassal lir-rikorrent Malta, kienu jaghmlu hafna sens u ma holqu ebda hsara lir-rikorrent.

8.5 Meta wasal Malta r-rikorrent kien mgharraf bit-temma ta' l-impieg minghajr opportunita' xierqa ta' difiza.

## 9. Decizjoni

It-Tribunal Industrijali, wara li sema' x-xhieda tal-partijiet, qara s-sottomissjonijiet u evalwa x-xhieda u d-dokumenti kollha, u ghamel riferenza ghall-provvedimenti ta' l-Artiklu 81 (2) (*a*) tal-Kapitlu 452 tal-Ligijiet ta' Malta, jaqta' u jiddeciedi li:

9.1 Il-kumpanija intimata naqset li taghti kunsiderazzjoni xierqa ghal dak li r-rikorrent kellu xi jghid in difeza rigwardanti dak li sehh fl-Ingilterra bejn it-22.06.09 u l-24.06.09, u konsegwentement kisret il-principju tal-gustizzja naturali, *audi alteram partem.* Minhabba f'hekk It-temma ta' l-impieg tar-rikorrent ma saritx ghal raguni tajba u bizzejjed skond il-Ligi.

9.2 L-imgiba tar-rikorrent matul l-istess tliet ijiem ikkontribwixxiet bil-qawwa ghat-temma ta' l-impieg tieghu.

9.3 L-kumpanija intimata ghandha thallas lir-rikorrent is-somma ta' Elefejn Erba' Mija u tletin Ewro (€2,430) bhala kumpens ghal tkeccija ingusta. Dan il-hlas ghandu jsir fi tliet pagmenti mensili ndaqs u konsekuttivi, bl-ewwel pagament isir nhar l-01 ta' Gunju 2011.

Ghall-fini ta' taxxa u drittijiet it-Tribunal Industrijali jiffissa s-somma ta' Tlieta u Disghin Ewro u Sbatax -il centezmu (€93.17).

______________________

**A. DEGIOVANNI**
**chairman**